IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 23.3.2012
SWD(2012) 45 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

{COM(2012) 118 final}
{SWD(2012) 47 final}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti

1. DEFINIZJONI TAL-PROBLEMA

1. Ir-Regolament dwar it-Trasportazzjoni tal-Iskart[1] jimplimenta fil-livell Ewropew ir-rekwiżiti tal-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-kontroll ta' movimenti transkonfinali ta' skart perikoluż u r-rimi tiegħu. Jimplimenta wkoll id-dispożizzjoni ta' Emenda għall-Konvenzjoni (magħrufa bħala l-'Emenda ta' Projbizzjoni) li tipprojbixxi l-esportazzjoni ta' skart perikoluż barra l-OECD. Din l-Emenda għadha ma daħlitx fis-seħħ fil-livell internazzjonali minħabba li għadha ma ġietx ratifikata biżżejjed.

2. Skont din il-leġiżlazzjoni, bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE li jittieħdu biex jiġu żarmati jikkostitwixxu skart perikoluż (minħabba li fihom sustanzi perikolużi) u jistgħu jiżżarmaw biss fl-OECD. Din il-leġiżlazzjoni tiġi evitata kważi b'mod sistematiku. Fl-2009, iktar minn 90 % tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE tabilħaqq kienu żarmati barra l-OECD, il-biċċa l-kbira fin-Nofsinhar tal-Asja (l-Indja, il-Pakistan u l-Bangladexx) permezz tal-metodu fejn il-bastiment jittella' fuq ix-xatt u b'impatti ambjentali u fuq is-saħħa sinifikanti.

3. Dan in-nuqqas ta' konformità ġenerali huwa marbut, l-ewwel nett, man-nuqqas ta' kapaċità għar-riċiklaġġ disponibbli fl-OECD b'mod partikolari għall-ikbar bastimenti Il-kapaċità eżistenti fil-livell Ewropew tintuża għaż-żarmar ta' bastimenti żgħar u bastimenti tal-gvern li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong. B'mod simili għall-bini ta' bastimenti, iż-żarmar ta' bastimenti matul dawn l-aħħar ftit għexieren ta' snin iċċaqlaq minn pajjiżi Ewropej għal pajjiżi li mhumiex fl-OECD għal raġunijiet ekonomiċi. Konsegwentement, l-alternattiva tal-iżvilupp ta' kapaċità addizzjonali fl-Ewropa ma kinetx ekonomikament fattibbli.

4. It-tieni nett, is-sitwazzjoni attwali tas-suq tar-riċiklaġġ tal-bastimenti hija kkaratterizzata minn kompetizzjoni ħarxa u inġusta bejn l-istati tar-riċiklaġġ ewlenin, jiġifieri, il-Bangladexx, l-Indja u (xi ftit inqas) il-Pakistan. Kompetituri oħra li għandhom standards tekniċi ogħla huma kapaċi biss jokkupaw niċeċ tas-suq għal tipi speċjali ta' bastimenti bħal bastimenti żgħar u bastimenti tal-gvern inklużi bastimenti tal-gwerra (l-UE u t-Turkija) jew il-flotta ta' sidien tal-bastimenti impenjati (it-Turkija u ċ-Ċina).

---

[1] Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart.

5. Fl-aħħar nett, il-leġiżlazzjoni attwali mhix adattata għall-ispeċifiċitajiet tal-bastimenti. Huwa tabilħaqq diffiċli li jkun identifikat meta bastimenti għandhom ikunu skartati. Sabiex tkun applikata l-leġiżlazzjoni attwali u b'mod partikolari l-projbizzjoni tal-esportazzjoni ta' bastimenti fi tmiem l-operat tagħhom barra mill-OECD, l-Istati Membri se jkollhom jagħmlu sforz biex jinfurzaw li jkun sproporzjonat u ineffiċjenti meta jitqiesu n-nuqqas ta' kapaċità għar-riċiklagg fl-OECD kif ukoll il-possibbiltà legali ta' kwalunkwe bastiment biex ibiddel il-bandiera tiegħu.

6. Probabbilment is-sitwazzjoni se teħżien peress li fis-snin li ġejjin għadd kbir ta' bastimenti huma mistennija jintbagħtu biex jiġu żarmati b'konsegwenza tal-kapaċità eċċessiva tal-flotta dinjija li mistennija tibqa' għal mill-inqas bejn ħamsa (5) u għaxar (10) snin. Barra minn hekk, mill-kapaċità massima li mistennija tintlaħaq fir-riċiklaġġ tal-bastimenti qrib id-data tal-eliminazzjoni gradwali tat-tankers b'buq wieħed (2015), probbabilment jibbenefikaw l-aktar il-faċilitajiet substandard.

7. Sabiex titjieb is-sitwazzjoni, ġiet żviluppata Konvenzjoni speċifika mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Il-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Hong Kong għar-Riċiklaġġ Sikur u li Jħares l-Ambjent tal-Bastimenti kienet adottata fl-2009 iżda sabiex tidħol fis-seħħ u tibda tagħmel effett jeħtieġ li tkun irratifikata mill-istati ewlenin tal-bandiera u tar-riċiklaġġ.

8. Jekk il-Konvenzjoni ta' Hong Kong ma tidħolx fis-seħħ u jekk il-leġiżlazzjoni Ewropea ma tkunx immodifikata, probabbilment is-sitwazzjoni attwali tas-suq se tippersisti. Kapaċità massima tal-attività ta' żarmar probabbilment twassal biex jerġgħu jitfaċċaw aċċidenti fatali u mard fuq il-post tax-xogħol, minħabba li l-persunal il-ġdid se jkun reklutat minn fost l-ifqar u ġeneralment minn fost ħaddiema rurali mingħajr esperjenza.

2. OBJETTIVI TAL-INIZJATTIVA TAL-UE

9. L-għan ġenerali tal-iżvilupp ta' Regolament dwar ir-Riċiklaġġ ta' Bastimenti huwa li jnaqqas b'mod sinifikanti u b'mod sostenibbli sal-2020 l-impatti negattivi tar-riċiklaġġ ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE, speċjalment fin-nofsinhar tal-Asja, fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mingħajr ma joħloq piżijiet ekonomiċi bla bżonn billi jiffaċilita d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong. L-għanijiet speċifiċi (*Specific Objectives* – SO) huma li:

SO1: jitnaqqsu l-impatti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-impatti ambjentali billi jiġi żgurat li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE jiżżarmaw f'faċilitajiet sikuri u li jħarsu l-ambjent madwar id-dinja,

SO2: tiġi żgurata d-disponibbilà ta' kapaċità ta' riċiklaġġ sikura, adegwata, suffiċjenti u ekonomikament aċċessibbli għaż-żarmar ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE

SO3: li jissaħħu l-inċentivi biex tinżamm il-konformità mal-leġiżlazzjoni Ewropea.

3. GĦAŻLIET TA' POLITIKA

10. L-ewwel għażla possibbli, (l-'għażla ta' bażi') tikkonsisti f'li l-leġiżlazzjoni attwali (ir-Regolament dwar it-Trasportazzjoni tal-Iskart) tinżamm kif inhi. L-Istati Membri jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni ta' Hong Kong fil-leġiżlazzjoni domestika tagħhom. Madankollu, jibqgħu jiġu pprojbiti milli jesportaw bastimenti kummerċjali kbar li jtajru l-bandiera tal-UE barra l-OECD għar-riċiklaġġ anke jekk, fil-prattika, proporzjon kbir ta' dawn il-bastimenti jkompli jiġi riċiklat f'pajjiżi mhux fl-OECD. Mhux mistenni li l-Istati Membri jtejbu b'mod sinifikanti l-leġiżlazzjoni tal-infurzar tagħhom peress li l-implimentazzjoni tal-Emenda ta' Projbizzjoni tirrikjedi sforzi sinifikanti u ma tkunx effettiva (bħala riżultat tan-nuqqas ta' kapaċità għar-riċiklaġġ fl-OECD mistenni li bastimenti li jtajru bnadar tal-UE jibdlu għal bnadar li mhumiex tal-UE).

11. It-tieni għażla (B) tikkonsisti fl-inklużjoni ta' xi rekwiżiti tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong fir-Regolament dwar it-Trasportazzjoni tal-Iskart. Dawn ir-rekwiżiti japplikaw għal faċilitajiet ta' riċiklaġġ li jinsabu fl-UE u fl-OECD, peress li ż-żarmar ta' bastimenti kummerċjali kbar li jtajru l-bandiera tal-UE barra l-OECD jibqa' jiġi pprojbit. L-istati Membri jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni ta' Hong Kong fil-leġiżlazzjoni domestika tagħhom.

12. It-tielet għażla (C) tikkonsisti fl-esklużjoni ta' bastimenti koperti mill-Konvenzjoni ta' Hong Kong (bastimenti tat-tbaħħir kummerċjali kbar) mil-leġiżlazzjoni Ewropea. Minflok, dawn il-bastimenti jiġu indirizzati biss mil-leġiżlazzjoni domestika tal-Istati Membri, possibbilment abbażi tal-iskema tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong.

13. Ir-raba' għażla (D) tikkonsisti f'li bastimenti koperti mill-Konvenzjoni ta' Hong Kong (bastimenti tat-tbaħħir kummerċjali kbar) ikunu koperti minn Regolament ad-hoc ġdid. Dan ir-Regolament ikopri ċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE, jimplimenta kmieni r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong u, skont kif tippermetti l-Konvenzjoni, jinkludi kriterji iktar stretti għall-faċilitajiet tar-riċiklaġġ tal-bastimenti. L-Istati Membri tal-UE jiġu infurmati bil-miktub u f'ħin xieraq dwar l-intenzjoni tas-sid tal-bastiment li jibgħat bastiment għar-riċiklaġġ. Dan ir-rekwiżit kif ukoll l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet, li għall-inqas ikunu ekwivalenti għal dawk applikabbli taħt il-leġiżlazzjoni attwali, jiżgura l-konformità mal-leġiżlazzjoni. Filwaqt li huwa diffiċili li wieħed jistenna li l-faċilitajiet attwali biex bastiment jittella' fuq ix-xatt ikunu jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti, huwa possibbli li faċilitajiet imtejba jkunu jistgħu jissodisfaw dawn il-kriterji fil-futur. Sabiex ikunu evitati l-konfużjoni, il-koinċidenzi u l-piżijiet amministrattivi, bastimenti koperti mil-leġiżlazzjoni l-ġdida ma jibqgħux jiġu koperti mir-Regolament dwar it-Trasportazzjoni tal-Iskart.

14. Għażla finali tkun tikkonsisti f'li l-għażla D tkun ikkumplimentata b'elementi speċifiċi:

(1) Għażla E1 tkun tikkonsisti f'li bastimenti tal-gvern, inklużi bastimenti navali, ikunu indirizzati wkoll fir-Regolament ġdid li jittrasponi l-Konvenzjoni ta' Hong Kong.

(2) Għażla E2 tkun tirrikjedi li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE jiġu trattati f'faċilitajiet li jipprovdu livell ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent ekwivalenti għall-faċilitajiet tal-UE.

(3) Fl-aħħar nett, l-għażla E3 tikkonsisti fil-possibbiltà tal-esportazzjoni ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE biss lejn għadd ta' faċilitajiet ta' partijiet terzi awditjati u ċċertifikati.

4. VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI

15. Kif irrakkomandat mil-linjigwida tal-Valutazzjoni tal-Impatt, il-valutazzjoni ffukat biss fuq l-impatti addizzjonali tal-għażliet l-oħra imqabbla max-xenarju ta' bażi. Dejta kwantitattiva hija pprovduta fit-tabella ta' hawn taħt.

16. Minn perspettiva ambjentali, ix-xenarji differenti se jkollhom l-istess impatti rigward il-ġenerazzjoni ta' skart perikoluż u mhux perikoluż kif ukoll emissjonijiet tas-CO2, minbarra għall-għażla E1[2]. Madankollu, l-għażliet se jkollhom impatti differenti fir-rigward tal-perċentwal ta' skart perikoluż li se jkun immaniġġjat b'mod li ma jagħmilx ħsara għall-ambjent. L-għażliet C u E1 għandhom impatt negattiv, l-għażliet D u E2 għandhom impatt pożittiv u l-għażla B għandha l-istess impatt bħax-xenarju ta' bażi.

17. Għażla B jkollha impatti soċjali[3] mqabbla max-xenarju ta' bażi. L-għażla C jkollha impatti negattivi (spejjeż soċjali ogħla) f'terminu ta' żmien medju u twil. Għażla E1 jkollha impatti negattivi fuq perjodu ta' żmien qasir, medju u fit-tul. Għażla D jkollha impatti pożittivi f'terminu ta' żmien qasir biss, filwaqt li l-għażla E2 jkollha impatti pożittivi sinifikanti f'terminu ta' żmien qasir, medju u fit-tul.

18. Minn perspettiva ekonomika, l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong se ġġib magħha spejjeż addizzjonali għas-sidien tal-bastimenti (prezz imnaqqas offrut għall-bastimenti tagħhom minn faċilitajiet tar-riċiklaġġ imtejba u spejjeż amministrattivi) u għall-Istati Membri (spejjeż amministrattivi). L-għażliet B, D u E2 jantiċipaw l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong imqabbla max-xenarju ta' bażi u għaldaqstant iwasslu għal spejjeż addizzjonali għas-sidien ta' bastimenti tal-UE u għall-Istati Membri f'terminu ta' żmien qasir u medju. Madankollu, ma jkollhom ebda impatti addizzjonali mqabbla max-xenarju ta' bażi mill-2025 'il quddiem. Barra minn hekk, l-għażla B twassal għal spejjeż amministrattivi għall-Istati Membri rigward il-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar f'terminu ta' żmien qasir, medju u fit-tul. Għażla C jkollha impatti pożittivi meta mqabbla max-xenarju ta' bażi għas-sidien ta' bastimenti u l-Istati Membri f'terminu ta' żmien qasir u medju. Għażla E1 jkollha impatti pożittivi fuq perjodu ta' żmien qasir, medju u fit-tul.

19. L-għażla B hija mistennija toħloq problemi ta' konformità peress li ma ssolvix il-problema ta' nuqqas ta' kapaċità għar-riċiklaġġ aċċessibbli legalment u toħloq konfużjoni billi tħallat iż-żewġ settijiet ta' rekwiżiti (mill-Konvenzjonijiet ta' Basel u ta' Hong Kong). Kemm taħt l-għażla C kif ukoll taħt l-għażla E1 mhux mistenni li jkun hemm ebda problema ta' konformità (il-faċilitajiet kollha se jkunu aċċessibbli legalment). L-għażla D jkollha impatt pożittiv peress li l-leġiżlazzjoni proposta tiġi adattata għall-ispeċifiċitajiet tal-bastimenti u kapaċità suffiċjenti għar-riċiklaġġ tkun

---

[2] Taħt l-għażla E1, il-bastimenti tal-gvern (inklużi l-bastimenti navali) li bħalissa jiġu rriċiklati fl-OECD se jingħatalhom permess biex jintbagħtu għar-riċiklaġġ fl-Asja, fattur li jwassal għal emissjonijiet ogħla tas-CO2 matul l-aħħar vjaġġ tagħhom.

[3] Aċċidenti fatali u mhux fatali għall-ħaddiema adulti u tfal.

aċċessibbli legalment bi prezz ftit imnaqqas. Barra minn hekk, jiġu introdotti sanzjonijiet speċifiċi sabiex ikunu indirizzati l-każijiet possibbli li baqa' ta' nuqqas ta' konformità. Għall-istess raġunijiet, l-għażla E2 hija mistennija twassal għal livell ogħla ta' konformità mqabbel mal-għażla ta' bażi. Madankollu, huwa mistenni iktar nuqqas ta' konformita, imqabbel mal-għażla D peress li d-dħul tas-sidien tal-bastimenti jiġi affettwat iktar b'mod negattiv u peress li l-kapaċità tar-riċiklaġġ disponibbli tista' titnaqqas bħala riżultat ta' rekwiżiti iktar b'saħħithom għal faċilitajiet. L-għażla E3 tipprovdi għodda għall-iċċekkjar li l-faċilitajiet li jintbagħtu fihom għar-riċiklaġġ bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE jikkonformaw mal-istandards applikabbli u r-regoli dwar riċiklaġġ ta' bastimenti li jkun sikur u li jħares l-ambjent. Madankollu, din l-għażla tippreżenta livell iktar baxx ta' konformità milli l-għażla D minħabba l-possibbiltà ta' nuqqas ta' rieda min-naħa ta' pajjiżi terzi dovuta għal kwistjonijiet ta' sovranità.

20. Diversi partijiet interessati nnutaw li l-koeżistenza ta' żewġ settijiet ta' rekwiżiti legali (li jirriżultaw mill-Konvenzjonijiet ta' Basel u ta' Hong Kong) se jfixklu ħafna u jkunu ta' piż amministrattiv kbir. L-Għażla B għaldaqstant ikolha impatti negattivi fuq is-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti. Taħt l-għażla C, bastimenti kbar li jtajru l-bandiera tal-UE ma jibqgħux koperti mil-leġiżlazzjoni Ewropea. Dan ikollu impatt pożittiv fuq is-simplifikazzjoni ta' leġiżlazzjoni f'terminu ta' żmien qasir li jista' jkun iktar limitat f'terminu ta' żmien twil jekk l-Istati Membri tal-UE jkollhom leġiżlazzjoni nazzjonali diverġenti biex jimplimentaw il-Konvenzjoni ta' Hong Kong. L-għażliet D, E2 u E3 ikollhom impatt pożittiv peress li jissostitwixxu l-leġiżlazzjoni attwali bi strument ġdid adattat aħjar għall-ispeċifiċitajiet tal-bastimenti.

21. L-ebda għażla ma hija mistennija li taffettwa b'mod mhux iġġustifikat l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju peress li n-negozji ewlenin ikkonċernati (bastimenti tal-UE) rari huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

22. L-ispejjeż marbuta mal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong (spejjeż amministrattivi matul il-ħajja tal-operat u prezzijiet ta' bejgħ irħas fiż-żmien tar-riċiklaġġ) matul il-perjodu ta' ħajja ta' bastimenti huma negliġibbli u għaldaqstant ma hu mistenni ebda impatt fuq il-konsumaturi fix-xenarju ta' bażi jew f'xenarji oħra.

23. Fil-prinċipju, l-ebda mill-għażliet previsti fir-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt ma għandha impatt dirett fuq il-baġit tal-UE.

L-impatti addizzjonali kkwantifikati tax-xenarji differenti mqabbla max-xenarju ta' bażi huma indikati b'mod konċiż fit-tabella ta' hawn taħt.

Impatti		Ambjentali	Soċjali								Ekonomiċi		
		Skart perikolież trattat bil-mod ESM[4]	Volum ta' Xogħol[5]	Volum ta' xogħol (ħaddiema protetti) Error! Bookmark not defined.	Volum ta' xogħol (ħaddiema mhux protetti) Error! Bookmark not defined.	Volum ta' xogħol (ħaddiema tfal protetti) Error! Bookmark not defined.	Aċċidenti fatali (adulti)[6]	Aċċidenti mhux fatali (adulti) NOTEREF _Ref311022802 \h * MERGEFORMAT	Aċċidenti fatali (tfal) Error! Bookmark not defined.	Aċċidenti mhux fatali (tfal) NOTEREF _Ref311022802 \h * MERGEFORMAT	Spejjeż soċjali[7]	Dħul tas-sidien tal-bastimenti Error! Bookmark not defined.	Spejjeż amministrattivi (Stati Membri) Error! Bookmark not defined.
Perjodu ta' żmien qasir (2015)	B	0 %	0	0	0	0	0	0	0	0	0	-1 952 011	378 604
	C	-6 %	-5	189		159	1	184	0	29	969 792	12 540 267	0
	D	23 %	0	1 423	-2 246	-764	-2	-473	-1	-133	-3 372 237	-22 019 545	356 430
	E2	30 %	0	-938	-2 385	-811	-4	-1 105	-1	-148	-5 401 791	-66 349 943	356 430
	E3	23 %	0	1 423	-2 246	-764	-2	-473	-1	-133	-3 372 237	-22 221 755	356 430
Perjodu ta' żmien medju (2020)	B	0 %	0	0	0	0	0	0	0	0	0	-112 036 486	640 117
	C	-20 %	-6	-2 497	3 244	1 103	1 103	3	633	1	5 993 494	31 192 613	-436 341
	D	0 %	0	0	0	0	0	0	0	0	0	-112 036 486	617 943
	E2	16 %	0	-3 778	0	0	0	-2	-833	0	-2 820 429	-189 916 941	617 943
	E3	0 %	0	0	0	0	0	0	0	0	0	-112 266 395	617 943
[illegible] u (2025)	B	0 %	0	0	0	0	0	0	0	0	0	149 062 972	22 174
	C	0 %	0	0	0	0	0	0	0	0	0	159 369 991	-879 612

[4] Perċentwal ta' skart iġġenerat mir-riċiklaġġ ta' bastimenti trattati b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent (Environmentally Sound Manner (ESM)) għal kull għażla mqabbla għall-għażla ta' bażi. .

[5] Espress fl-ammont ta' xogħol li jkun għamel individwu f'sena sħiħa.

[6] Għadd ta' persuni.

[7] Espressi f'EUR

	D	0 %	0	0	0	0	0	0	0	0	0	149 062 972	0
	E2	16 %	0	-3 428	0	0	-2	-756	0	0	-3 114 124	63 072 738	0
	E3	0 %	0	0	0	0	0	0	0	0	0	148 854 325	0

5. PARAGUN TA' GĦAŻLIET

24. Il-pakketti ta' politiki kienu vvalutati skont il-kriterji ta' effettività, effiċjenza u koerenza.

25. Mill-perspettiva tal-effettività, l-għażliet D, E2 u E3 jidhru l-iktar attraenti. Tabilħaqq, huma joffru l-ogħla livell potenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet speċifiċi kollha filwaqt li l-għażliet B u E1 ikollhom effettività negattiva globali u l-għażla C jkollha effettività pożittiva fir-rigward tal-Objettivi Speċifiċi 2 u 3.

26. L-għażla B globalment taffettwa b'mod negattiv peress li se tnaqqas id-dħul tas-sidien tal-bastimenti, iżżid l-ispejjeż amministrattivi għall-Istati Membri tal-UE u ma ssolvix il-problemi attwali ta' konformità. L-Għażla C jkollha wkoll effiċjenza negattiva: l-impatti pożittivi tagħha fuq id-dħul ta' sidien tal-bastimenti u fuq l-ispejjeż amministrattivi għall-UE jiġu newtralizzati minn spejjeż ambjentali u soċjali negattivi sinifikanti f'terminu ta' żmien qasir jew medju. L-Għażla E1 globalment ikollha effettività negattiva, b'impatti ekonomiċi pożittivi għall-Istati Membri tal-UE iżda b'impatti ambjentali u soċjali negattivi. L-għażliet D u E3 jinkludu miżuri effettivi akkumpanjati minn spejjeż għall-implimentazzjoni u amministrattivi limitati, li jikkontribwixxu b'mod effiċjenti għall-objettivi speċifiċi kollha. L-għażla D2 globalment ikollha effiċjenza pożittiva.

27. L-għażliet D, E2 u E3 jkollhom effiċjenza pożittiva. Madankollu, l-għażla E2 tinvolvi spejjeż sostanzjali ħafna għas-sidien ta' bastimenti li jiġu bbilanċjati parzjalment biss mill-benefiċċji ambjentali u tas-saħħa.

28. Mill-perspettiva tal-effettività, l-għażla D, tidher l-iktar attraenti. Tabilħaqq, din l-għażla toffri l-ogħla livell potenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet speċifiċi kollha u livell ogħla ta' konformità milli l-għażla E3.

29. Barra minn hekk, kif jidher mill-analiżi ta' koerenza, anke jekk l-għażla D tippreżenta bilanċi bejn l-impatti ambjentali u soċjali pożittivi u l-impatti ekonomiċi negattivi, il-bilanċi huma iktar baxxi milli għall-għażla E2. It-telf ta' dħul mis-sidien ta' bastimenti taħt l-għażla D (li tirriżulta minn prezzijiet iktar baxxi offruti minn faċilitajiet imtejba) ikun tabilħaqq ibbilanċjat minn benefiċċji f'termini ta' ħarsien tal-ambjent u ta' impatti soċjali. Din l-għażla tindirizza l-problemi attwali kollha u tintroduċi rekwiżiti ġodda li jiżguraw konformità qabel ir-riċiklaġġ (obbligu ta' informazzjoni bil-miktub lill-istat tal-bandiera) u wara (sanzjonijiet jekk il-bastimenti ma jiġux żarmati f'faċilitajiet awtorizzati). Għaldaqstant iżżid il-konformità. Għalhekk, f'termini ta' koerenza, l-għażla D tinsab fl-ogħla pożizzjoni. Fl-isfond ta' dan ta' hawn fuq, l-għażla D hija l-għażla rrakkomandata

30. It-tabella ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor il-paragun bejn l-għażliet f'termini ta' effettività, effiċjenza u koerenza.

Għażla	B	C	D	E1	E2	E3
Effettività						

• SO 1	negattiva	negattiva	pożittiva f'terminu ta' żmien qasir u newtrali f'terminu ta' żmien twil	negattiva	pożittiva	pożittiva
• SO 2	negattiva	pożittiva ħafna	pożittiva ħafna	newtrali	pożittiva	pożittiva ħafna
• SO 3	negattiva	pożittiva	pożittiva	ftit negattiva	pożittiva	pożittiva
Effiċjenza	negattiva	negattiva	pożittiva ħafna	negattiva	pożittiva	pożittiva ħafna
Koerenza	le	le	iva b'bilanċ limitat	le	iva iżda b'bilanċ importanti u b'riskju ta' nuqqas ta' konformità	iva iżda b'bilanċ limitat u b'riskju ta' nuqqas ta' konformità
Konklużjoni			Għażla rakkomandata			

6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

31. Minħabba l-problemi eżistenti ta' konformità, il-progress għandu jkun immonitorjat sabiex jiġu ċċekkjati l-implimentazzjoni u l-effettività tal-leġiżlazzjoni tal-UE u l-kontribut tagħha għall-objettivi. Qed jiġi propost li kull sena titqabbel il-lista ta' bastimenti li kienu kkunsidrati bħala li probabbilment imorru għar-riċiklaġġ is-sena ta' qabel u l-lista ta' bastimenti riċiklati fil-faċilitajiet awditjati u ċċertifikati tal-UE.

32. Indikaturi tal-progress f'dan il-kuntest jistgħu b'mod partikolari jkunu:

- l-għadd ta' faċilitajiet ta' riċiklaġġ ta' bastimenti li qed jissodisfaw il-kriterji tar-Regolament;
- l-għadd u l-perċentwal ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE żarmati f'dawn il-faċilitajiet imqabbel mal-għadd u l-perċentwal dinji;
- l-istat ta' ratifikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Hong Kong mill-istati tal-bandiera ewlenin u l-istati tar-riċiklaġġ;

- dejta dwar it-tip ta' impjieg fil-faċilitajiet tar-riċiklaġġ tal-bastimenti (tipoloġija ta' impjieg, aċċidenti, mard relatat max-xogħol) kif ukoll dejta dwar it-tniġġis ambjentali assoċjat mar-riċiklaġġ tal-bastimenti, kif disponibbli.

33. B'kunsiderazzjoni għall-dawn l-indikaturi, jeħtieġ li l-politika tal-UE dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti tkun riveduta fuq bażi regolari u li jkunu sottomessi rapporti ta' implimentazzjoni/progress lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

34. Jekk il-problemi tal-konformità jippersistu, tista' tittieħed azzjoni ulterjuri fil-livell tal-UE bħat-twaqqif ta' fond għaż-żarmar tal-bastimenti tal-UE.